**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 8/2008**

**Joseph Tonna K.I. 435439M u martu Angela Tonna K.I. 585552M ta' 133, Triq Sir Charles Cameron, Gzira**

**vs**

**Maria Fitz ta' 56, Triq is-Sebuqa, San Gwann**

**Illum 3 ta' Marzu, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid:

1. Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru 8, Coleridge Street, Gzira u li l-istess fond gie mikri lill-intimata Maria Fitz f'Awwissu tal-1992 nminn omm ir-rikorrenti Joseph Tonna bil-kundizzjoni

specifika li l-intimata ma tistax tissulloka l-fond minghajr il-kunsens tas-sid;

2. Illi effettivament l-intimata kisret din il-kundizzjoni dwar is-sullokazzjoni kif indikat fil-ftehim gie citat u wara li giet mitluba l-intimata b'ittra legali tal-5 ta' Dicembru 2007 biex tivvaka l-post u tirritorna c-cwievet lir-rikorrenti liema *congedo* regghet giet indirizzata lilha fit-12 ta' Dicembru 2007 meta hija baqghet inadempjenti, qeghdin ir-rikorrenti jitolbu lil dan il-Bord;

   i. Biex dan il-Bord jordna lir-rikorrenti jiehdu lura l-pussess tal-fond numru 8, illum 25, Coleridge Street, Gzira mikri lil Maria Fitz u cioe' l-intimata.

Bl-ispejjez

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata li tghid:

Illi hi tikri il-fond 25 gia numru 8 Coleridge Street, Gzira u ilha tabita fih mindu krietu bhala r-residenza ordinarja taghha.

Illi hi tichad li kisret xi kondizzjoni tal-lokazzjoni senjatament li hi issullokat l-imsemmi fond lil terzi u ghalhekk it-talba ghar-ripresa tal-fond da parti tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Ra illi fit-13 t'Awissu 2015, ir-rikorrenti resqu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Ra illi fis-seduta tal-05 t'Ottubru 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakulta' li l-intimata tipprezenta nota ta' replika finali.

Ra illi fil-05 ta' Novembru 2015, l-intimata resqet nota ta' sottomissjonijiet;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi kollha prodotti;

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu illi jiehdu lura l-pussess tal-fond numru 8, illum 25, Coleridge Street, Gzira, mikri lil Maria Fitz u cioe' l-intimata fuq kriterju wiehed u cioe' minhabba li qed jallegaw li l-intimata ssullokat il-fond minghajr il-kunsens tas-sid.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi minkejja li l-intimata hija registrata fuq il-fond, 56, Abtasan, Triq is-Sebuqa, San Gwann, *di fatto* hija tirrisjedi fil-fond mertu tal-kawza u huwa dak il-fond illi jikkostitwixxi d-dar ta' l-abitazzjoni taghha. Illi l-intimata spjegat illi l-fond ta' San Gwann huwa d-dar residenzjali ta' bintha u mhux taghha. Fil-fatt nofs dik id-dar tappartjeni lil bintha, kif jirrizulta mill-estratt mir-ricerki ta' John Fitz a fol. 66 tal-process, liema ricerki huma esebiti a fol. 45 *et sequitur* tal-process, kif ukoll mill-estratt mir-ricerki ta' Habtasam Fitz a fol. 79 tal-process, liema ricerki huma esebiti a fol. 77 *et sequitur* tal-process.

Fix-xhieda taghha a fol. 32 *et sequitur* tal-process u in kontro-ezami a fol. 83 tal-process l-intimata spjegat illi minhabba problemi li kellha f'xi zmien kienet marret tghix ma' ommha izda din kienet haga temporanja. Tispjega wkoll illi meta r-ragel ta' bintha jkun imsiefer hija gieli torqod ma' bintha. Hija tichad li qatt telqet mill-fond mertu tal-kawza. L-intimata resqet ix-xhieda ta' diversi girien illi kollha xehdu li hija ghadha tghix fl-imsemmi fond.

Ix-xhud Pauline Borg[1] sahansitra tghid li r-rikorrent kien joqghod jiccekkja l-kaxxa ta’ l-ittri ta' l-intimata u jittawwal minnha ghax irid ikecciha minn hemm, tant li lill-istess xhud offrielha l-flus biex tixhed kontra l-intimata.

L-intimata tispjega illi meta hija kellha lin-neputi jghix maghha minhabba li kienu qed isiru xogholijiet fid-dar minn missieru, hija kienet sahansitra avzat lir-rikorrenti b'dan.

Ir-rikorrenti da parti taghhom isostnu li l-intimata ssullokat il-fond u m'ghadhiex tghix fil-fond u ghalhekk kisret il-kundizzjonijiet tal-kirja u ghandhom jigu awtorizzati jiehdu lura l-fond. In sostenn ta' dan huma resqu bhala xhud, fost ohrajn lil Salvatore Pisano[2], li pero ma jikkonfortax din it-tezi taghhom stante illi jghid li huwa ma jafhiex lill-intimata u qatt ma hallasha flus lilha direttament ghaliex l-imghallem tieghu kien jaqtghalu l-flus kull l-ahhar tax-xahar u jaghtihom lill-intimata. Da parti taghha l-intimata tghid li lil Pisano ma tafux u tichad kategorikament illi hija qatt rceviet xi flus minn ghandu jew minn min seta’ dahlu fil-fond mertu tal-kawza, anzi tghid illi jekk sehh dan, dan kien kollu ad insaputa taghha.

---

[1] Affidavit a fol. 115 u kontro-ezami a fol. 134 tal-process
[2] A fol. 30 et sequitur tal-process.

Illi kien jinkombi lir-rikorrenti illi jgibu l-ahjar prova sabiex jippruvaw dak li jallegaw, stante li min jallega jrid jipprova biex jirnexxi fl-azzjoni tieghu. Il-Bord ihoss illi r-registrazzjoni bhala elettur ta' isem l-intimata fuq fond iehor fir-registru elettorali ma jistax wahdu jaqleb il-mizien favur it-tezi tar-rikorrenti in vista ukoll tal-provi mressqa mill-intimata f'dan ir-rigward.

Illi mill-assjem tal-provi, l-Bord isib li r-rikorrenti ma rnexxielhomx isostnu u jippruvaw li l-intimata ssullokat il-fond mertu tal-kawza. Illi ghalhekk ikun superfluwu li l-Bord jidhol f'xi investigazzjoni ulterjuri, konsegwentament il-Bord mhux se jidhol fil-punt dwar jekk l-intimata kellhiex jew le l-kunsens tas-sid sabiex taghmel dan.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur